Notifika li temenda r-Regoli ta' Proċedura u Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (Mejju 2022)

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 149 tal-31 ta' Mejju 2022)

Fil-paġna 51, l-Artikolu 11(1), l-ewwel paragrafu:

flok:	"1. Kwalunkwe persuna, membru jew impjegat, jista' jressaq ilment quddiem il-Kumitat tal-Etika dwar l-imġiba ta' membru.";
aqra:	"1. Kwalunkwe persuna, membru jew impjegat, jista' jressaq ilment quddiem il-Kumitat tal-Etika dwar l-imġiba ta' membru (ara l-Addendum).".

L-Addendum li ġej għandu jiżdied mal-Att:

"**ADDENDUM**

DEĊIŻJONI ADOTTATA MILL-BUREAU

fit-22 ta' Ottubru 2024 wara talba għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1) ta' Parti III tal-Kodiċi ta' Kondotta

B'konformità mal-Artikolu 12(8) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Bureau qabel dwar l-interpretazzjoni segwenti tal-Artikolu 11(1) ta' Parti III tal-Kodiċi ta' Kondotta: il-Kumitat tal-Etika jista' jirċievi lmenti mill-membri u l-impjegati tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biss."